# ETIMOLOĠIJA
## NISEL IL-KELMA "ĦAL"

F'*Il-Malti* tas-sena l-oħra (minn Wied il-Għajn mnejn qed nikteb ma nistax nagħti l-għadd sewwa) is-Sur Nin Cremona, hu u jwieġeb lis-sur Ivo Muscat-Azzopardi fuq kif tinkiteb il-kelma *Ħal*, qal li għandha tinkiteb *Ħall* u jien weġibtu li ma qbiltx miegħu għax deherli li n-nisel (mogħti minnu u oħrajn) mill-għerq *Ħ-L-L* ma kienx iżjed jippersważini minn dak li kien ta l-Avukat Ġ. Micallef, jiġifieri *Ħ-(W)-L* (Għarbi: *Ħal*, *jħal*; II sura *Ħawwel*). Iżda s-sur Nin kien wieġeb li nom minn dan il-verb kien jieħu l-għamla bil-"*w*" ta' *ħawl* jew *ħwiel*. Niftakar li kont weġibtu li donnu kellu raġun, iżda li anqas in-nisel mogħti minnu ma kien jorbot biż-żejjed (madankollu hekk stqarr hu stess xħin żied li aktar kien jixtieq li jien tajt xi teorija ġdida milli tennejt dak li qalu ta' qabli) U niftakar ukoll li fit-tweġiba tiegħi żidt li kont għadni qed nistudja fuq in-nisel ta' dil-kelma, u li għalhekk il-kustjoni kienet, fil-fehma tiegħi, għadha miftuħa.

Il-lum naħseb li wasalt. Iżda qabel ma ngħaddi għall-etimoloġija, jeħtieġ ingħid, biex wieħed jifhem aħjar, li l-appellattiv "*Ħal*" ma jeħduhx l-ismijiet ta' l-irħula kollha. Fil-waqt li l-irħula żgħar (bħas-subborgi) jieħdu l-appellattiv "*Ta'*" (eż: Tal-Qali; Tas-Silġ; Tas-Sliema; u wkoll Għawdex: Ta' Kirċem, eċċ.); u dawk ta' ismijiet meħuda minn siġar, snajja' jew ukoll minn xi speċjalità tal-post (bħal: Żejtun, Mellieħa, Mosta, Nadur eċċ.) jieħdu biss l-artiklu "*L-*"; l-irħula li ħadu isimhom minn kunjomijiet jew titoli ta' xi familja jew tajfa, jieħdu dejjem il-"*Ħal*" (eż: Attard, Dingli, Għaxaq, Kirkob, Lija, Manin, Millieri, Niklużi, Luqa, Qormi, u bosta oħrajn tal-lum u taż-żmien). Ma ngħidx li ma hemmx xi wħud li jieħdu l-"*Ħal*" avolja donnhom ma jidħlux ma' dawn li semmejt (eż: Żebbuġ, Żabbar, Għargħur u xi ieħor). Iżda jekk wieħed jifli sewwa jsib li dawn huma eċċezzjonijiet li iżjed isaħħu r-regola. Araw: *Żebbuġ*: Għawdex dar-raħal ma jiħux *Ħal*; *Żabbar*: mil-lista tan-nutari ta' żmien ilu jidher li dan kien ukoll kunjom; *Għargħur*: l-"*u*" ta' l-aħħar sillaba (kif għad nuri xi darba oħra) issarraf *passiv* u għalhekk dil-kelma tidħol mal-għadd tal-laqmijiet bħal: *ġermud*, *baħbuħ*, *faqqus* li jingħażlu bħala *passivi* mill-korrispondenti *attivi*: *ġermied*, *baħbieħ*, *faqqas*. Minn laqam għal kunjom m'hemmx ħajta x'tagħżel.

Wara li sammarna sewwa f'moħħna fejn u meta raħal jieħu l-*Ħal* nistgħu ngħaddu b'wiċċna minn quddiem għan-nisel li fil-fehma tiegħi jolqot l-iżjed dil-kelma li tat hekk x'igħidu lil bosta etimoloġisti.

Fil-Għarbi ta' Tunes (Marceline Beaussier-Dictionnaire pratique Arabe-Francaise—Alger, 1887, paġ. 17) insibu l-għerq: (*A*)-*H-L* (Nota bene: *H* u le *Ħ*) li fil-għamla tan-nom kollettiv ifisser: "dar; familja; ġens" (Beaussier igħid: "*famille, maison, menage, gens, personnes attachèes à; gens de; ceux de; peuple; membres; ceux qui font partie de*") u tidħol ukoll fit-tifsila ta' bosta ismijiet ta' tribù jew ta' tribù għarab; hekk bil-għarbi jingħad: "*Ahl el-Għux*" "*Ahl el Hasan*", eċċ.

Immela aħna meta ngħidu *Ħal Kirkob* inkunu qed infissru letteralment "It-tajfa jew familja ta' Kirkob"; *Ħal Manin* tfisser il-familja ta' Manin (jew *Dar Manin*, li wara sar kunjom sħiħ: *Darmanin*); *Ħal Qormi* jiġifieri l-post fejn igħammru n-nies ta' nisel Qormi (jew Curmi kif inhi l-lum), eċċetra.



Dan hu, fil-fehma tiegħi sa fl-aħħar il-veru nisel ta' l-appellattiv *ĦAL* quddiem xi rħula tagħna. U għalhekk ukoll ma għandna qatt niktbu dil-kelma b'żewġ ellijiet iżda dejjem b'waħda. Nittama li s-Sur Nin Cremona did-darba jaqbel miegħi hu wkoll.

20.7.46.

ERIN SERRACINO INGLOTT.

---

# Recensjonijiet

**"GĦOXRIN NOVELLA"** — Ġorġ Pisani — Lux Press, 1946.

Il-letteratura Maltija aktar ma tmur aktar qed tistagħna b'novelli li tista' tgħidilhom imqaxxrin mill-ħajja ta' kuljum u miktubin kif tabilħaqq titlob is-sengħa. Sa ftit żmien ilu, neħħi 'l Temi Zammit u 'l Ġużè Bonnici, din il-fergħa ta' kitba fil-Malti kienet dgħajfa kemm jista' jkun. Imma l-lum, fil-qasam tan-novella Maltija, għandna lit-tabib Ġużè Galea, lil Ġorġ Pisani u oħrajn li mix-xogħlijiet li tawna jidher ċar li 'l quddiem għad ikollna biex niftaħru tassew bil-ġmiel u l-qawwa tan-novelli Maltin mibnija fuq backgrounl ta' naturalezza sabiħa u kbira.

Ġorġ Pisani, magħruf aktar fostna bħala poeta mill-aħjar, għadu kemm midd riġlejh f'din ix-xejra ta' kitba. Iżda fil-fehma tagħna, għalkemm għadu fil-bidu, nistgħu ngħidulu li rnexxa tassew.

Dawn in-novelli jiġbru fihom kwadri realistiċi, minsuġin bi stil ħaj u mħaddmin b'ilsien idjomatiku. Ma jistax ikun li jinkitbu novelli kbar u sbieħ, kemm-il darba n-novellist ikun nieqes minn xi waħda minn dawn it-tliet elementi tassew sħaħ u qawwija. Dawn it-tliet elementi huma meħtieġa għan-novellist biex bihom jagħti l-ħajja lin-novelli li jikteb, daqskemm il-bniedem jeħtieġ is-saħħa, id-dawl u s-smigħ fil-ħajja li jrid igħaddi, bla difetti u bla xkiel.

Ġorġ Pisani hu kewkba tabilħaqq kurjuża fis-sema tal-letteratura tagħna. Bħala poeta għaraf jagħni 'l-Malti b'ġabra ta' poeżiji tassew sbieħ, imqanqlin u mimlija bin-nifs ta' ispirazzjoni sħiħa, poeżiji li jħabbtuha fil-wisa' ma' tal-barranin; bħala kummedjografu, meta stampa *Is-Sengħa ta' l-Imħabba*, tefa' raġġ ta' dawl fid-dlam faħxi tal-Palk Malti; u bħala novellist għaraf jonġor tajjeb tarġa oħra mit-turġien imwiegħra tan-novella Maltija.

Dawn in-novelli ta' Pisani ma jistgħux ma jqanqlux lill-qarrej, għax fihom hemm impittra b'sengħa ta' mgħallem kwadri naturali, kwadri tal-ħajja kif ingħixuha ta' kuljum, mirqumin b'immaġinazzjoni qawwija u mfissrin b'sempliċità li togħġob u tolqot.

Jalla d-dinjità tan-novella Maltija tibqa' dejjem toktor u tistagħna l-letteratura tagħna b'novelli ta' din ix-xorta, novelli li jagħmlu ġieħ lill-letteratura tagħna u lil min jiktibhom.

ĠORĠ CHETCUTI.